**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Rikors numru: 333/2015**

**Mobisle Communications Ltd. (C 24655) b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' Frar 2016, is-socjetà GO p.l.c. (C 22334) giet awtorizzata tassumi l-atti minflok is-socjeta' Mobisle Communications Ltd.**

**vs**

**Sarab Risk Analysis Ltd. (C56498)**

**Illum, 19 ta' Ottubru 2016,**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors promotur permezz ta' liema is-socjetà rikorrenti talbet lis-socjetà intimata:

tghid il-ghaliex m’ghandekx tkun ikkundannat thallas lis-socjetà Mobisle Communications Ltd. is-somma ta’ hamest elef sitt mija u disghin u hamsin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€5,659.28) liema somma hija dovuta minnek in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari (numru 79099178) bl-akkont numru 40206482 moghti mis-socjetà attrici u dan kif ser jigi aktar ippruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza u skont l-annessi dok.: Dok IZY 1 u 2 – kuntratt u prospett ghall-akkont relattiv, Dok. IZY 3 – estratt mir-Registru tal-Kumpaniji ta’ Malta u Dok IZY 4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artiklu 166A tal-Kapitlu 12 tal-ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjetà intimata kienet debitament notifikata kif jirrizulta mir-riferta fuq in-naha ta’ wara ta’ folio 29 tal-process;

Rat illi s-socjetà intimata ma prezentat l-ebda risposta;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti;

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawza odjerna s-socjetà rikorrenti qeghda titlob illi s-socjetà intimata tkun ikkundannata thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta’ hamest elef sitt mija u disghin u hamsin euro u tmienja u ghoxrin

centezmu (€5,659.28), in konnessjoni mas-servizz telefoniku cellulari (numru 79099178) bl-akkont numru 40206482 moghti mis-socjetà attrici. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016 xehdet Marisa Galea Debono ghan-nom tas-socjetà rikorrenti li kkonfermat illi minn meta giet prezentata l-kawza l-ammont dovut mis-socjetà intimata ghadu ma thallasx.

Illi s-socjetà intimata hija kontumaci stante illi mhux biss ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talbiet tas-socjetà rikorrenti izda ukoll naqset illi tidher quddiem il-Qorti u ghalhekk ma kkontestat bl-ebda mod it-talbiet tas-socjetà rikorrenti.

Illi mill-provi prodotti, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti jirrizultaw pruvati, u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tas-socjetà rikorrenti bl-ispejjez kontra s-socjeta intimatà.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur